**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. Anna Mallia**

**Seduta tas-06 ta' April, 2018**

**<u>Sentenza in Parte</u>**

**Avviz Nru: 325/2017 AM**

**Lista Numru: 03**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata**

**fid-drittijiet tal-assikurat taghha Marie Therese Scerri**

**Abate Rigord Street,**

**Ta' Xbiex**

**Vs**

**Luke Mifsud (I.D.362098M)**

**38, St Francis, Flat 3,**

**Triq il-Mozzola,**

**San Pawl il-Bahar**

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fil-25 ta' Lulju, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas ta' seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u hamsa u

sittin centezmu (€725.65c) minghand il-konvenut wara incident bejn il-vettura bin-numru IBR 149 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta' attrici u rota misjuqa mill-konvenut, f'indicent li gara fi Triq Alofju Wignacourt, San Pawl il-Bahar fis-06 ta' Awwissu, 2014.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn fl-ewwel eccezzjoni giet kkontestata l-kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jaqta' u jiddeciedi din il-vertenza, stante illi l-allegati danni jirrizultaw minn incident li jinvolvi vettura. L-eccezzjonijiet l-ohra kienu fil-mertu.

Ra' l-atti kollha tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra d-digriet tieghu tal-25 ta' Jannar 2018 li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi b'din l-ecccezzjoni il-konvenut qed jghid illi l-kompetenza biex jigi trattat u deciz il-kaz odjern tvesti fic-Centru ta' l-Arbitragg skont il-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 jinghad hekk:-

It-tilwimiet hawn izjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A ghandhom jigu determinati b'arbitragg u ghandhom jittiehdu f'arbitragg taht ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'zieda ma' dawk ir-regoli li jistghu jigu mahruga mic-centru minn zmien ghal zmien.

Taqsima A

1.2 Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur

Kull tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma tkunx waħda li jkollha x'taqsam ma' talba għal danni għal ħsara fil- persuna, li tkun tilwima li toriġina minn:

(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew

(b) ħsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew

(ċ) talba bħal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpannija assiguratriċi fuq il-ħajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli għat-trasport jew persuna oħra li skont l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal- Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u

(d) li l-valur tagħha ma jkunx jeċċedi l-ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87c).

Il-ligi issemmi jew kollizzjonijiet bejn zewgt vetturi bil-mutur, li ma jinkwadrax fil-kaz in ezami; kif ukoll hsara involuntarja fil-proprjeta' li tinvolvi vetturi. Dan l-ahhar sub paragrafu kien suggett ta' interpretazzjonijeit varji mill-Qrati nostrani. Fis-sentenza deciz mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Ottubru, 2009 fl-ismijiet: Middle Sea Insurance plc vs Gevimida Limited. F'dak il-kaz kien waqa' hajt ta' bini fuq vettura. Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi l-kompetenza kienet tvesti fit-Tribunal u Qrati ordinarji u mhux fit-Tribunal ghal l-Arbitragg. Decizjoni simili huwa l-lodo moghti mit-Tribunal ghal Arbitragg inniffsu fl-arbitragg numru M1713/2008 fl- ismijiet: George Said vs Christian Paul Bonnett et.

Min-naha l-ohra l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha Joseph Ciscaldi ezercitanti l-kummerc taht l-isem Butterfly Car Rentals vs Nicholas Camilleri deciza fid-19 ta' April, 2012 irretenti illi f'dak il-kaz kien mandatorju l-arbitragg u l-Qrati ordinarji ma kellhomx kompetenza. L-istess insenjament gie ripetut fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti identikament preseduta fis-sentenza Fogg Insurance Agencies Limited vs Kunsill Lokali Gzira deciza fis-16 ta' Otttubru, 2012.

Izda fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 2015 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) per Imh Ellul fil-kawza fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Gzira kif kwotat mis-socjeta' attrici fit-trattazzjoni l-Qorti rriteniet li ma taqbilx mal-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza kwotata mill-konvenut cioe' Joseph Ciscaldi vs Nicholas Camilleri deciza 19 ta' April, 2012 li kull kwistjoni dwar hsara nvolontarja relatata ma' vetturi tkun soggetta ghall-arbitragg mandatarju rrespettivament jekk huwiex 'motor traffic dispute' jew le. Difatti f'din il-kawza Ciscaldi vs Camilleri l-attur talab danni minhabba li l-konvenut li kien qed isuq l-vettura li nghatat lilu mill-attur b'kirja ghamlilha l-hsara.

Fil-kaz odjern l-allegati danni gew kagunati lil attur sid u xufier ta' vettura li hija vettura bil-mutur, minn rota li din tal-ahhar ma jistax jinghad li taqa' taht it-tifsira ta' vettura bil-mutur kif jitlob l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg. Difatti t-tifsira bl-Ingliz ghal 'vetturi bil-mutur' li jaghti dan l-att hija ta' 'Motor Traffic Disputes.' Ma jistax jinghad ghalhekk li rota taqa' taht it-tifsira ta' 'vettura bil-mutur' li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjes ta' din is-sentenza preliminari jibqghu riservati ghal gudizzju finali. Jordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**